KLR 34/VII/2015

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2015 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- il-membri Joseph Debrincat u Anthony Briffa.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħa.

**1. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 12 ġiet posposta peress li l-membru Briffa li ressaq din il-mozzjoni hu skużat.

**2. *Update – ERDF 249 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo***

2.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li fit-28 ta' Settembru 2015 ser jibda jitpoġġa l-madum ta' Pjazza Indipendenza.

2.2 Il-membri qablu li l-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, l-Onor. Dr Chris Cardona, jiġi nfurmat li l-Kunsill kien approva li l-monti ta' Pjazza Indipendenza ma jibqax jarma f'din il-pjazza u minflok jibda jarma fi Pjazza Savina. Il-Ministru għandu jiġi nfurmat li l-Kunsill unanimament għadu b'din l-istess fehma u li l-monti għandu jibda jarma b'mod permananti fi Pjazza Savina. Dan l-ispostament għandu jsir għal ġid tal-partijiet kollha.

2.3 Tressqet korrispondenza mingħand Dorita Borg għan-nom ta' missierha George Borg li hu biejjiegħ tal-ħut li jarma fi Pjazza Indipendenza. Billi l-Kunsill qabel li l-bejjiegħa tal-monti inklużi tal-ħut jitneħħew minn Pjazza Indipendenza l-membri qablu li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-bejjiegħa tal-ħut japplikaw sabiex jibdew joperaw mill-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*.

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri li l-Perit qed jieħu ħsieb ir-rapport li sar mill-kumpanijia *Sterling* fejn irrappurtaw li daħal l-ilma tax-xita fil-propjeta' tagħhom. Il-kuntrattur tal-proġett ġie mgħarraf b'dan.

2.5 Il-membri ġew mgħarrfa li ser tintalab stima għal dan ix-xogħol:- 03/15 – *Call for quatations for the supply and installation of traffis signs and road markings at Victoria, Gozo.* Din tkopri l-*area* tal-proġett.

2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet diversi kontijiet mibgħuta minn Gatt Tarmac Ltd li jkopru xogħol *extra* fuq il-*mains* tad-dawl u l-ilma u anke' Melita li sar s'issa. Dan jammonta għall-total ta' €43,452.37. Dawn il-kontijiet għandhom jintbgaħtu lill-Perit għall-verifikazzjonijiet.

2.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li s-self mill-bank li l-Kunsill għandu jieħu tnaqqas u l-ammont massimu għandu jkun ta' €199,000.00. Dawn ikopru l-ispejjes li m'humiex eliġibbli taħt il-proġett.

## *3. Update – Playing Field*

Il-membri qablu li l-Kunsill jgħarraf lid-Direttur tal-Artijiet li l-Kunsill m'għandux oġġeżżjoni li l-parti li għandha tiġi devoluta lill-S.K. Victoria Wanderers għandha tkun kif muri fil-pjanta annessa f'dokument A.

## **4.** ***Update – Project – Enhancing the visitor's rural experience in Victoria's valleys***

Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa mal-Perit Mario Cordina u l-kuntratturi li ħadu l-offerti għal dan ix-xogħol.

## *5. Update – Extension of the Heritage Trial to Pjazza San Gorg Project*

Is-Sindku għarraf lill-membri li dan il-proġett irid ikun lest sa l-aħħar ta' Ottubru 2015. Jekk le jintilfu l-fondi tal-LEADER.

Il-membri ġew mgħarrfa li ser issir laqgħa fil-Kunsill nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2015 fil-17.00, bejn l-Avukat tal-Kunsill, u l-Avukat tal-kawża li xi sidien tal-ħwienet ta' Pjazza San Ġorġ fetħu kontra l-Kunsill.

Is-Sindku għarraf lill-membri li wara taħdidiet mal- *Funds and Programmes Division* (FPD) u l-*Gozo Action Group Foundation* (GAGF) u wara li ġew esplorati diversi metodi sabiex jinġabu fondi biex issir il-funtana tal-bronż fi Pjazza San Ġorġ, irrizżulta li sakemm suppost għandu jitlesta l-proġett dawn il-fondi ma jistgħux jiġu akkwistati. Għaldaqstant il-membri unanimament qablu li din il-funtana ma ssirx.

## **6.** ***Public Private Partenrship*** **– Toroq Wied is-Seqer, Sagħtar u Ġanni Vassallo**

Il-membri qablu li jiġi approvat it-tieni pagament ta'€45,934.86 lill-Road Construciton Co. Ltd rigward il-bini tat-toroq li jaqgħu taħt il-PPP. Dan hu l-aħħar pagament li d-Dipartiment għal Gvern Lokali ser jgħaddi lill-Kunsill. L-ammont li jibqa' jrid jitħallas fi tmin snin. Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri li l-bilanċ hu ta' €366,437.69 jiġifieri il-Kunsill irid iħalli €45,804.71 kull sena mil-*budget* tiegħu.

## **7. Attivitjajiet tal-Milied u l-Aħħar tas-Sena**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet ir-rendikonti tal-attivitajiet li saru s-sena li għaddiet. Dawn huma annessi f'dokument B u Ċ. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jnaqqas l-ispejjes tal-attivitjaiet minħabba n-nuqqas ta' fondi u jevalwa aktar il-prijoritajiet. Issuġġerit li għal din is-sena il-Chritmas Village ma jiġix organiżżat. Pero' l-membri insistew li dan jiġi organiżżat u l-Kunsill jara li jitnaqqsu l-ispejjes għalih.

7.1 *Christams Village*

Il-membri qablu li dan isir fi Pjazza San Ġorġ bejn il-11 u t-13 ta' Diċembru 2015. Għandhom jitnaqqsu l-ispejjes tal-*entertainment* u jgħolew il-kiri tal-*huts*. Il-*huts* iż-żgħar għandhom jinkrew €75 u l-kbar jinkrew €100. Il-Kunsill għandu jara r-rispons għall-kiri tal-*huts* u wara jiġi deċiż jekk dan jiġix organiżżat jew le.

7.2 *New Year's Eve in the City 2015*

Il-membri qablu li l-bands li ser jipparteċipaw għandhom ikunu:- *Crosswalk*, *The Residents*, *D Capitals*, *The Tavellers*, *Strait Ahead* u *Novel*. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-iskema tal-attvitajiet kulturali 2015. Din hija l-aħħar sejħa li ser toħroġ li tkopri dawn l-attivitajiet.

**8. Approvazzjoni tal-kontijiet**

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Ottubru 2015. Dawn annessi f'dokument D.

**9. Immanigjar tat-traffiku – Korrispondenza**

*Transport Malta* (TM) ħarġet il-permess għall:-

9.1 *double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq Santa Dminka;

9.2 żewġ kaxxi tal-parkeġġ quddiem l-eks uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku fi Triq Repubblika;

9.3 *one metre double yellow lines* biswit 'Josmar', Triq Dun Pawl Micallef;

9.4 *double yellow line* quddiem il-bieb tad-Dawwara, Falt 2, Triq Kerċem;

9.5 *traffic mirror* fi Trejeqt l-Excahnge kantuniera ma Triq Sir Luiġi Camileri;

9.6 *weight limit signs* għall-Triq l-Assunta kantuniera ma Pjazza Savina;

9.7 tneħħija tad-*double yellow* line li hemm fi Triq ta' Wara s-Sur faċċata tal-ħanut 'Ġiardina', pero' wara li jitlesta x-xogħol li għaddej fi Triq Sant' Ursola;

9.8 parkeġġ riservat għall-pesuni b'diżabilita qrib 'AltonaHse.' Triq l-Assunta.

TM ma ħarġitx permess għall:-

9.9 parkeġġ riservat quddiem *Bogi Auto Ltd* fi Pjazza J. F. Kennedy;

9.10 *un-loading* quddiem *High Revs* fi Triq Kapuċċini, pero' ssuġġerit li jinżebgħu l-*parking bays* f'din il-parti tat-triq. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM għall:-

9.11 żieda tal-iskema għall-Parkeġġ Ikkontrollat (Żona A) fl-*area* tal-Far. Dan wara suġġeriment ta' resident. Din it-talba kienet diġa' saret fl-2009. Il-membri qablu li għanda terġa ssir l-istess talba;

9.12 *un/laoding* quddiem *Bad Boy Cleaners* fi Triq Sta. Martha;

9.13 *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' Joseph Gatt, N/b, Triq il-31 ta' Marzu;

9.14 *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' 'Kunċizzjoni *Court'* Triq it-8 ta' Diċembru.

## 10. Korrispondenza

Tressqet korrispondeza mingħand:-

10.1 is-Segretarja tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex rigward:-
i. Triq il-Ħaġġarija – il-Kunsill hu tal-opinjoni li Triq il-Kastell għandha tibqa bl-istess isem peress li jekk jinbidel għal Triq il-Ħaġġarija ser toħloq inkonvenjent lir-residenti;
ii. Trejqet Pietru Pawl Azzopardi – il-Kunsill ma kellux *feedback* minn min għamel il-proposta sabiex jinbidel dan l-isem. Dan rigward il-firem tar-residenti li juri jsibux oġġezzjoniji;
iii. Triq Fra Baskal Farrugia – il-Kunsill kien bagħat ittra lil-kumitat datata 21.01.15 fejn reġa' indika eżatt u anke' ssottemetta pjanta li turi fejn qed jirreferi li jrid li tissemma din it-triq.
Sadanittant il-Kunsill għandu jistaqsi rigward korrispondenza li kien bagħat fil-21.01.15 rigward it-tismija ta' Pjazza tal-Ibraġġ;

10.2 Marisa Galea fejn talbet sabiex jitranġa passaġġ fl-egħlieqi fl-*area* tal-Belliegħa. Il-post indikat fil-pjanta mibgħuta ma jinsabx fil-konfini tar-Rabat;

10.3 Mark Grech li ssuġġerixxa li jingħata t-tarmac f'parti żgħira mit-triq fi Triq il-Belliegħa, fejn qabel kien hemm remissa mibnija u li issa tneħħiet. Il-membri qablu li din il-parti tat-triq titranġa;

10.4 Duncan Xuereb mill-*Plant Health Directorate* fejn ta' l-awtorizazzjoni sabiex jinżabbru s-siġar tal-palm f'taċ-Ċawla H. E. Staqsa wkoll għad-dettalji tat-trattament ta' dawn is-siġar. Il-membri qablu li għandu jiġi nfurmat li l-aħħar trattament li ngħata kien is-sena li għaddiet u li l-Kunsill m'għandux fodni biżżejjed sabiex jgħati dan it-trattament kull xahrejn;

10.5 Peter Murray fejn talab dettalji għalfejn ir-Rabat għandu wkoll l-isem ta' Victoria. Il-membri qablu li għandu jintbagħtulu estratt mill-liġi li turi dan;

10.6 id-Dipartiment għal Gvern Lokali – Memo 19/2015 rigward il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart;

10.7 il-Perit Alexander Biġeni li kiteb għan-nom ta' *White Horse Recycling Ltd* u ssuġġerixxa li fil-Wied ta' Żejta jitpoġġa reċipjent sabiex fih jinġabbru ħewjjeġ użati. Il-Kunsill ser jinfurmah li f'din l-*area* ser jinbeda proġett ta' tisbieħ;

10.8 Mario Galea fejn staqsa għalfejn il-bozza ta' Triq Karolina Cauchi li kienet inqalet minħabba li kienet qed tikkawża ħsara ma' faċċata ta' dar privata għadha ma twaħħlitx. Il-

Kunsill kien approva li din issr fuq arblu u qed jistenna li x-xogħol jitmexxa minn naħħa tal-Enemalta.

**11. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

11.1 l-Kunsill għandu jipproponi lir-Reġjun Għawdex sabiex ipoġġi *CCTV camera* li tissorvelja Pjazza l-Assedju t'Għawdex minħabba l-fatt li qed ikun hemm rimi ta' skart illeglali. Ta' min jinnota li l-Kunsill f'diversi drabi qabbad il-*Green Wardens* pero' l-abbuż xorta baqa' jsir;

11.2 għandu jinġab il-kunsens bil-miktub ta' sid id-dar fejn qed jiġi suġġerit li tiġi mħarka bozza fi Triq Dun Pawl Micallef;

11.3 titranġa l-bankina ta' quddiem *'Mary Help of Chrisitians'*, Triq il-31 ta' Marzu 1979;

11.4 r-residenti ta' Triq ta' Wara s-Sur (ta' l-ewwel parti minn Triq Kapuċċini sa Triq Wied is-Seqer) jiġu mistoqsija jekk isibux oġġezzjoni li l-parkeġġ tal-vetturi isiru fuq in-naħħa l-oħra tat-triq. Dan minħabba ż-żamma tal-ilma tax-xita fuq in-naħħa ta' dawn id-djar. Dan fuq suġġeriment tal-Perit u wara li Manuel Stellini lmenta li l-ilma tax-xita qed jikkaġuna ħsara fil-faċċata tad-dar tiegħu ('Mal-Grotto') meta l-vetturi jtajjru l-ilma għad-djar. Il-membri qablu mas-suġġeriment tal-Perit.

11.5 l-kunsillier Briffa jakkumpanja d-delegazzjoni ta' plejers Rabtin taħt il-11' il-sena f'Goro sabiex jipparteċipaw fit-Torneo del Delta del Po bejn l-14 u t-18 t'Ottubru 2015;

11.6 fuq suġġeriment ta' *GaleaCurmi Engineering*, il-Kunsill iżomm stokk ta' 30 bozzoz bil-*brackets* tagħhom. Dan wara li nbeda l-proġett pilota tat-tibdil tal-lampi għall-dawk LED, fit-toroq arterjali t'Għawedex.

11.7 Infetħet l-offerta:- *Call for NGOs interested in constructing an NGO building and upgrading of surrounding area at Dr Anton Tabone Street, Victoria*. Dan skont dokument E anness. Id-dettalji għandhom jintbagħtu lill-Perit sabiex jgaħmel ir-rapport tiegħu.

11.8 Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri li daħlet is-somma ta' €7,960 li ġiet allokata wara l-approvazzjoni tal-proġett KA2 li qed jieħdu ħsiebu l-kunsillier Portelli u Tabone. Dawn il-fondi jkopru l-ispejjes ta' dawn il-kunsilliera li jinkludu l-mobilita' (laqgħat barra minn xtutna), u anke' għat-translazzjoni tal-kwestjonarju kollu *Youth In Europe* li fih 83 pagna li sar mill-istess Kunsilliera. Dawn il-fondi huma kollha mill-proġett tal-*Erasmus* li minnu l-Kunsill mhux ser joħrog fondi.

Il-Kunsilliera Portelli spjegat li qed inġabu l-permessi meħtiega biex isir kwestjonaru fl-iskejjel Għawdxin fuq studenti ta' 14 u 15 'il sena. Dan il-kwestjonarju jirrigwardja l-vizzji u sustanzi abużivi li qed jiċċirkondaw liż-żgħażagħ. Din ir-riċerka ser tkun sorveljata mill-kunsilliera Portelli u Tabone fl-iskejjel u kollha mgħoddija lura l-Iżlanda, Ir-riżultat tar-riċerka jinħareġ minn ISCRA, ċentru ta' riċerka fl-Universita' ta' Reykjavik. Dan jiġi mgħoddi lill-*Policy Makers* ta' Malta biex jieħdu iktar azzjoni fuq ir-riżultat maħruġ.

Il-Kunsilliera Portelli tat ukoll dettalji rigward żewġ skambji taż-żgħażagħ KA1 tal-Erasmus+ li t-tnejn kienu fi Slovenja. ('*Brand Yourself*' u '*Manage Your Vote*'). Għal dawn il-proġetti jitilgħu ħames partecipanti għal kull proġett u l-ammont sussidjat ikun skont id-*distance*

*calculator* tal-Erasmus (għal-Slovenja l-ammont ikun ta’ €170). Il-Kunsill ma jkollux spejjes għall-partecipanti peress li l-fondi jiġu allokati lill-Kunsill fl-aħħar tal-skambju.

Portelli għarrfet lill-preżenti li ġiet avviċinata minn *National Agencies* tal-Kroazja u ta’ Slovenja biex tidħol *Project Partner* għal żewġ skambji taż-żgħażagħ u li s-sejħa għalihom tagħlaq fl-1 ta' Ottubru 2015. Tal-Kroazja l-progett jismu ‘*Empower Yourself - Empower Your Community’* filwaqt li ta' Slovenja l-progett jismu *‘History - A Youth's Opportunity’*. Jekk approvati dawn jiġu fis-seħħ fl-2016. Il-membri qablu li l-kunsilliera Portelli għandha tapplika.

Portelli għaddiet id-dettalji permezz ta’ dokumneti rigward il-proġett li għadha kif għalqet – ‘ (‘*Manage your Vote, Youth Exchange* 8 – 17 ta’ Lulju 2015, Crnomelj Slovenia).

Il-laqgħa spiċċat fid-20.45.

Av Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv